MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 119/2010

**Il- Pulizija**

**v.**

**Bartholomew Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Bartholomew Caruana talli fil-31 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' 22.30 hrs bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' "Brown's" li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan:

(1) ippermetta tfal taht is-sbatax-il sena jidhlu fil-post imsemmi;

(2) ippermetta lil Alan Cutajar jaghmilha ta’ *substitute* fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta’ l-awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Bartholomew Caruana hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat ir-regolamenti 6(1)(4) u 15 ta’ l-Avviz Legali 124/95 kif emendat, ikkundannatu ghal multa ta’ erba’ mija hamsa u sittin euro u disgha u tmenin centezmu (€465.89);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Bartholomew Caruana pprezentat fis-16 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati tat-tieni imputazzjoni; (2) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u kwindi tilliberah skond il-ligi minn tali imputazzjoni, htija u piena, u (3) fl-eventwalita` li din il-Qorti ma tilqax it-tieni talba, tirriforma s-sentenza fil-parti fejn ikkundannatu ghal multa ta’ erba’ mija hamsa u sittin euro u disgha u tmenin centezmu (€465.89) u minflok tinfliggi piena li taqa’ fil-parametri tal-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa biss *licensee* u mhux proprjetarju tal-fond “Brown’s” jew impjegat tal-proprjetarju ta’ l-istess, u ghalhekk ma kellux l-obbligu li jaccerta li ma jithallewx nies ta’ eta` inferjuri minn sbatax-il sena jidhlu fl-istess hanut; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-appellant huwa *licensee* filwaqt illi certu Christopher Delia huwa s-*substitute* tieghu, u mhuwiex necessarju li t-tnejn ikunu

prezenti fuq il-post il-hin kollu. Fil-gurnata in kwistjoni kien prezenti Christopher Delia u kien fizikament impossibbli ghall-appellant li jaghmel dak li gie akkuzat li ghamel; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena kellha tkun dik indikata fir-regolament 14(1) ta’ l-Avviz Legali 124/95 u mhux dik indikata fir-regolament 15(1).

Issa, m’hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi fil-31 ta’ Ottubru 2009 il-Pulizija sabu tifla li kellha erbatax-il sena gewwa l-fond “Brown’s”, liema fond l-appellant huwa ndikat fil-licenzja bhala l-*licensee* filwaqt illi Christopher Delia huwa *substitute*. Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jirreferi ghar-regolament 6(1) ta’ l-Avviz Legali 124/95 li jipprovdi hekk: **“Persuni taht l-età ta’ sbatax-il sena ma ghandhomx jithallew jidhlu gewwa lokalità ta’ divertiment, u zghazagh li jkollhom iktar minn sbatax-il sena ghandhom qabel ma jidhlu f’dik il-lokalità johorgu u juru l-karta ta’ l-identità taghhom lill-proprjetarju.”** L-appellant josserva mbaghad li s-subinciz (5) ta’ l-istess regolament ma jhalli ebda dubju illi huwa l-proprjetarju illi ghandu jiehu hsieb illi r-regolament 6 jigi osservat, filwaqt illi s-subinciz (1) tar-regolament 15 jestendi r-responsabbilta` wkoll ghall-impjegati tal-proprjetarju.

L-appellant imbaghad jirreferi ghar-regolament 2 li jiddefinixxi “proprjetarju” u jargumenta li din id-definizzjoni ma tinkludix il-*licensee*. Id-definizzjoni li jaghti r-regolament 2 imsemmi huwa dan:

**“‘proprjetarju’ dwar kull divertiment tfisser il-persuna li torganizza jew tmexxi d-divertiment jew li tkun responsabbli ghall-organizzazzjoni jew ghat-tmexxija tieghu u tinkludi kull persuna li jkollha xi interess finanzjarju fid-divertiment jew f’dak li jidhol minnu, u kull persuna li f’isimha jigu ricevuti hlasijiet ghal divertiment; u f’kaz ta’ persuna guridika, il-frazi ‘proprjetarju’ ghandha tinkludi wkoll lill-manager jew lil kull ufficjal principali iehor ta’ dik il-persuna guridika.”**

L-appellant jissottometti illi in vista ta’ din id-definizzjoni tal-kelma “proprjetarju” wiehed ma jistax igebbed tali definizzjoni sabiex tinkludi wkoll il-kuncett ta’ *licensee*. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ din is-sottomissjoni peress illi m’hemm xejn x’izomm milli l-persuni ndikati fid-definizzjoni hawn riprodotta jkunu wkoll il-*licensee* tal-lokalita` fejn ikun qieghed jigi organizzat jew ikun qieghed jitmexxa d-divertiment. Mill-banda l-ohra jista’ jkollok sitwazzjoni fejn il-proprjetarju tal-lokalita` jkun differenti mill-proprjetarju tan-negozju li jkun qieghed jitmexxa fil-lokalita`, bhalma jirrizulta li hu fil-kaz odjern.

Fil-fatt jirrizulta illi hemm *substitute*, u cioe` Christopher Delia, li xehed li fil-gurnata in kwistjoni kien prezenti fil-fond “Brown’s”. Huwa xehed illi ghandu *license B* biex jiehu hsieb il-hanut meta ma jkunx hemm l-imghallem tieghu, certu Shane Scicluna ta’ S & J Premier Ltd. Qal illi lill-appellant jafu biss bhala sid il-fond u m’ghandux x’jaqsam man-negozju. Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju ghalhekk li l-appellant ma kienx responsabbli ghal dak li gara fil-31 ta’ Ottubru 2009 u li l-persuni responsabbli kienu Christopher Delia u “l-imghallem” tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Bartholomew Caruana hati ta’ l-ewwel imputazzjoni, tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------